# Hidma Ta' L-Ghaqda

24 *ta' Jannar* 1952: Laqgħa tal-Kumitat li fiha saret emenda ta' l-istatut.

29 *ta' Frar.* Laqgħa ġenerali. F'din il-laqgħa ġew eletti l-membri tal-Kumitat il-ġdid għas-sena 1952.

Dawn kienu:—

*Viċi-President*: Is-Sur G. Cassar B.A.; *Segretarju*: R. Sillato L.P.; *Asst. Segretarju*: P. Serracino Inglott; *Kaxxier*: P. Abela Hyzler; *Asst. Kaxxier*: S. Micallef Stafrace.

*Membri*: Is-Sinjuri J. Mifsud Bonnici; U. Mifsud Bonnici L.P.; P. Xuereb; R. Abdilla u s-sinjorina I. Curmi.

24 *ta' Marzu*: Laqgħa tal-Kumitat: il-membri stħarrġu d-diffikultajiet tal-produzzjoni tal-"Matinee Lyrique". Sar ukoll taħdit fuq il-qagħda finanzjarja mwiegħra tal-Għaqda.

28 *ta' Marzu* 1952: Qari ta' karti fejn inqraw xogħlijiet ta' P. Hyzler, R. Sciberras Saydon, J. Mifsud Bonnici, R. Sillato, C. Cassar, J. Caruana Huber, J. Herrera, S. P. Farrugia, R. Abdilla, J. Meilak u U. Mifsud Bonnici.

26*ta' April*: Is-Sur Ġorġ Pisani qara għażla ta' poeżiji millantoloġija tiegħu għad mhux mitbugħa, "Melodiji u Fjuri". Wara, xi membri saqsew lis-Sur Pisani x'jidhirlu mill-poeżija moderna.

2 *ta' Awissu*: Laqgħa tal-Kumitat: intwera kif is-sussidji li għandha tieħu l-Għaqda ma ntatawx la għas-sena 50/51 u l-anqas 51-52.

28 *ta' Novembru*: Laqgħa ġenerali li fiha ġie elett Kumitat ġdid għas-sena 1953.

Il-membri eletti kienu:—

*Viċi-President*: Is-Sur M. Felice L.P.; *Segretarju*: Is-Sur J. Meilak; *Asst. Segretarju*: Is-Sur R. Abdilla; *Kaxxier*: Is-Sur P. Abela Hyzler; *Asst. Kaxxier*: J. Micallef Stafrace.

*Membri*: Is-Sinjuri J. Mifsud Bonnici; U. Mifsud Bonnici, B.A., L.P.

3 *ta' Diċembru*: Laqgħa tal-Kumitat — programm magħmul għal Diċ.-Jannar.

4 *ta' Diċembru*: Dibattiment fuq il-mozzjoni "Li l-aħħar gwerra saret għal xejn".

Il-mozzjoni għaddiet bi ħdax il vot kontra erbgħa.